**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI**

**LAQGĦA NRU 24**

**It-Tlieta, 18 ta' Marzu, 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi ltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fit-4.37 p.m.

L-Onor. Chris Agius, President tal-Kumitat, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Ray Abela (sostitut), l-Onor. Rebekah Borg, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Amanda Spiteri Grech, u l-Onor. Julie Zahra kienu preżenti.

**MINUTI**

Il-Minuti ta' Laqgħa Nru 23 li saret fil-11 ta' Frar 2025, kienu kkonfermati.

**SMIGĦ FIR-RIGWARD TAN-NOMINA TAS-SA CARMEN CIANTAR GĦALL-ĦATRA TA' CHAIRPERSON TAL-AWTORITÀ TA' MALTA GĦALL-KOMPETIZZJONI U GĦALL-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR (MCCAA)**

Hekk kif il-President tal-Kumitat irrefera għall-ittra li huwa kien irċieva mingħand il-Prim Ministru Robert Abela datata 6 ta' Frar 2025, dwar in-nomina tas-Sa Carmen Ciantar għall-ħatra ta' Chairperson tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), l-Onor Adrian Delia għamel aċċenn fuq artiklu li kien ippubblikat fuq gazzetta online lokali, liema artiklu ġie ppreżentat lill-kumitat dwar il-persuna nominata in kwistjoni. L-artiklu qed jiġi mehmuż ma' dawn il-minuti bħala 'Anness A'

l-Onor. Adrian Delia ippreżenta wkoll dikjarazzjoni ffirmata mill-membri tal-oppożizzjoni dwar l-akkadut. Din id-dikjarazzjoni qed tiġi mehmuża wkoll ma' dan il-minuti bħala 'Anness B'.

Fl-4:49, il-kumitat ġie sospiż sabiex issir diskussjoni bejn il-membri, *in camera*.

Fl-4:52 p.m., il-laqgħa rreżumiet u ntalab sabiex jittieħed vot li n-nominata tidħol tippreżenta lilha nnifisha u tispjega l-akkadut u titkompla l-laqgħa, iżda din ma ġietx milqugħa.

Fil-5:00 p.m., il-laqgħa ġiet sospiża.

Fil-5.09 p.m. il-laqgħa rreżumiet u l-President tal-kumitat spjega li l-Onor. Adrian Delia qed jissuġġerixxi li l-laqgħa tal-lum tiġi posposta għal darba oħra, iżda qabel il-kumitat ikompli bl-eżaminazzjoni tan-nominazzjoni li l-kumitat għandu quddiemu, għal fini ta' trasparenza u sabiex il-kumitat jimxi kif għandu jimxi, għandu jiġi mistieden rappreżentant tal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, idealment, il-President, sabiex tispjega l-akkadut.

Il-kumitat qabel b'dan l-arranġament.

Fil-5.20 p.m. il-Kumitat aġġorna għal laqgħa oħra fil-viċin.

**EMMA TERRIBILE**
**SKRIVANA TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**